# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 25

6 t'Ottubru 2020

Il-ħamsa u għoxrin (25) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 6 t'Ottubru 2020 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Kevin Borg — Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

25.1.1. Is-Sindku DSH ressqet l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier VB li nforma li ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 25.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

25.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erba' u għoxrin (24) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JP favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (GD, JP, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

25.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 24.5.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-tabelli u s-sinjali fit-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm żviluppi min-naħa ta' Transport Malta. Hija nformat li l-għada kienu ser jibdew jitwaħħlu l-isleeping policemen fi Triq San Publju, Triq San Tumas u ta' Taħt il-Forka.

25.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-istop sign li hemm bżonn li ssir fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq San Publju. Is-Sindku nformat li kienet kellmet lill-kuntrattur dwar dan.

### 25.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

25.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Ecopence li xtaqu jintroduċu kunċett ta' zero waste market fi Ġnien il-Mall. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li kien għaddej refurbishment fi Ġnien il-Mall apparti li dan il-ġnien ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li ser jikkomunika magħhom iktar 'il quddiem minħabba li l-Kunsill kien diġa rċieva talba oħra simili.

25.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Young Falcons Club li talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat tieġ f'Lulju tas-sena 2021 fi Pjazza Robert Samut. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba kontra pagament ta' €815, u bil-kundizzjoni li l-bankijiet, bins u planters jitneħħew mill-persuna li qed tagħmel it-talba a spejjeż tiegħu, u li dawn jerġgħu jitpoġġew u jitwaħħlu lura appena jispiċċa l-avveniment.

25.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand emvigee rigward it-tiġrija annwali nhar it-22 ta' Novembru 2020. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġa ddiskuta dan u ma sabx

oġġezzjoni u għalhekk kien jonqos biss li jiġu konklużi d-diskussjonijiet bejn l-organizzatur u l-Pulizija.

25.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand residenta li talbet li jitpoġġew tliet cat cafés f'Belt is-Sebħ. Is-Sindku talbet lill-kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-annimali sabiex tieħu ħsieb tikkomunika mar-residenta. Id-DSE ressaq suġġeriment sabiex minflok cat shelters jintużaw chest freezers minħabba li dawn huma insulati u ekoloġiċi, u għalhekk ideali għal dan l-iskop. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora dan is-suġġeriment.

25.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Tech.mt li offrew hotspots li joffru WiFi gratwit. Il-Kunsill qabel li għandu jżomm is-servizz eżistenti tal-MCA.

25.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Konkatidral ta' San Ġwann fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza tours ta' gruppi. Il-Kunsill innota dan.

25.3.7. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-laqgħa li kellha mal-Eċċellenza Mary Louise Coleiro Preca dwar proġett fil-komunità. Is-Sindku qalet li kienu ntagħżlu xi kunsilli lokali biex joħolqu proġetti fuq suġġerimenti tax-xewqat tat-tfal. Hija żiedet tgħid li kienu talbu lill-Kunsill sabiex jiffirma Memorandum of Understanding. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju iżda nnota li kien diġa għaddej proġett fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u għalhekk ma setgħux isiru iktar proġetti fl-istess ġnien. Il-Kunsill innota wkoll li ma kienx għad fadal biżżejjed fondi fil-UIF Funds minħabba li dawn kienu ntużaw għall-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

25.3.8. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-proġett tan-Norwegian Grants kienet ġiet milqugħa u li l-Kunsill kien ħa grant ta' €85,000. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jissottometti applikazzjoni sabiex isir lift fid-Dar tal-Kunsill.

25.3.9. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-applikazzjoni li l-Kunsill kien għamel fir-rigward tal-proġett slow streets. Hija nformat li kienet ser tinżamm laqgħa dwar dan nhar il-Ħamis 8 t'Ottubru 2020 fid-9am.

25.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Fsobians Club fejn talbu lill-Kunsill jappoġġjahom f'petizzjoni li qed iressqu billi l-Kunsill jikteb bil-miktub lis-CEO tad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsill approva t-talba u qabel li jikteb lis-Sur Piscopo hekk kif propost.

25.3.11. Is-Sindku DSH informat li bħalma hi l-prassi, bħala Sindku kienet ġiet maħtura membru ex officio tal-Fsobians Club. Il-Kunsill innota dan.

25.3.12. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja li talab biex jitpoġġew żewġ planters fuq il-bankina ta' quddiem l-iskola sabiex tissebbaħ iż-żona. Il-Kunsill qabel.

## 25.4 RAPPORTI

25.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 25.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

25.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-tabelli tal-ħinijiet fi Triq San Tumas u qal li l-ħinijiet fuq it-tabelli ma jaqblux. Is-Sindku qalet li kienu ser jiġu ordnati tabelli ġodda u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jikkordina mas-Surmast sabiex jikkonferma l-ħinijiet tal-iskola.

25.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-protezzjoni u l-ħarsien tal-Fosos. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jerġa' jibda d-diskussjonijiet mill-ġdid minħabba li kien inbidel il-ministru. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru José Herrera.

25.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-fanali ta' fuq il-Fosos u staqsa għalfejn dawn ma kienux jixgħelu. Is-Sindku spjegat li dawn il-fanali kienu ilhom żmien twil ma jixgħelux. Hija tat rendikont tal-istorja ta' dawn il-fanali fejn fosthom semmiet li biex jgħaddu l-konnessjonijiet tad-dawl kien hemm bżonn li jitqattgħu il-Fosos. Id-DSE issuġġerixxa li dawn il-fanali jinqalgħu u jinstabilhom post band'oħra u minflokhom isiru arbli tal-fibre li jkunu replika eżatt tagħhom u li jkollhom pannella solari u batterija. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex jesplora jekk din is-soluzzjoni tistax tiġi adottata.

25.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal-laqgħa li għandha tinżamm mal-Pulizija u ssuġġerixxa li jitqajjem il-punt tal-Masġar tal-Ġublew li jaqa' ma' distrett l-ieħor. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jsib data sabiex tinżamm il-laqgħa.

25.5.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza fejn il-Kunsill ġie informat bi skema ta' finanzjament ta' proġetti kapitali. Is-Sindku qalet li kienu avviċinawha tal-Knisja biex jaraw jistgħux japplikaw għal din l-iskema però jidher li ma jistgħux japplikaw taħt din l-iskema. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu japplika għal karozza elettrika sabiex il-Kunsill ikollu intercommunity service.

## 25.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

25.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 25.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

25.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 16/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

25.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

25.7.2. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill bi kwotazzjonijiet li kienet talbet għall-produzzjoni tal-filmati għal Ġenna ta' Ġonna. Id-DSE spjega li l-kwotazzjonijiet miġjuba kienu fuq rata ta' siegħat u dan biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi kemm jixtieq jonfoq.

25.7.2.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-producer jistax ikun xi ħadd mill-Kunsill minflok persuna terzjarja. Id-DSE wieġeb li l-producer irid ikun xi ħadd li jiddetermina kif ser jinħadem il-filmat. Il-persuna mill-Kunsill xorta waħda ser tkun parti mill-proġett iżda tieħu ħsieb parti oħra tal-proċess.

25.7.2.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-VISET u propona li tintalab l-għajnuna tagħhom għal dan il-proġett.

25.7.2.3. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill jista' jagħmel laqgħa mal-Onor. Farrugia Portelli.

25.7.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jibda' b'budget żgħir u jżid bilmod. Id-DSE qal li l-Kunsill qed jistenna wkoll risposta mid-DLG jekk il-fondi allokati għall-Ġenna ta' Ġonna preċedentement jistgħux jintużaw għal dan l-iskop fiċ-ċirkostanzi li l-attività ma setgħetx tiġi mtella' minħabba l-pandemija.

25.7.2.5. Id-DSE semma' wkoll li jsiru intervisti qosra ħafna ma' personaġġi magħrufa lokalment. Huwa qal li l-ġabra ta' dan il-materjal hija essenzjali sabiex ma tinqeridx l-istorja tal-lokalità.

## 25.8 **PROĠETT KG5**

25.8.1. Is-Sindku qalet li l-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien kważi tlesta: l-equipment u l-flooring kienu tlestew u id-dawl elettriku kien kważi tlesta. Hija qalet li x-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ kellu jibda' dik il-ġimgħa.

25.8.2. Is-Sindku qalet li jonqos biss li jinbidel il-piċċ sintetiku iżda kienet għadha qed tistenna l-ispeċifikazzjonijiet mingħand il-Perit sabiex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti.

25.8.3. Is-Sindku kompliet billi qalet li appena jitlesta l-proġett qed tipproponi li jiġi mistieden il-ministru li taħtu jaqgħu il-UIF Funds biex issir tifkira żgħira li tikkommemora dan l-iżvilupp min-naħa tal-Kunsill.

## 25.9 **TIŻJIN DEKORATTIV FIL-MILIED**

25.9.1. Is-Sindku qalet li kienet qed tipprova tikkomunika mal-kuntrattur li normalment jieħu ħsieb it-tiżjin dekorattiv tal-Milied.

25.9.2. Hija qalet li kienet qed tipprova ġġib fondi addizzjonali mir-Reġjun Xlokk sabiex ikunu jistgħu jiġu dekorati toroq addizzjonali b'mod alternattiv.

25.9.3. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għall-attività li kellha tiġi organizzata fi żmien il-Milied u ssuġġeriet li jintuża l-parkeġġ tal-Fosos. Is-Sindku qalet li ġeneralment ma jingħatax permess li jintuża dak il-parkeġġ minħabba kwistjoni li kienet inqalgħet fis-snin imgħoddija.

## 25.10 TRIQ SAN TUMAS / TRIQ IL-MIRATUR

25.10.1. Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet mal-Perit ta' Infrastructure Malta dwar l-armar ta' barra. Hija qalet li kienu ddiskutew kif ser jitnaqqas l-inkonvenjent u ġie diskuss ukoll li t-toqob tal-festa jiġu inklużi fix-xogħol li kien ser ikun qed isir fit-triq.

25.10.2. Is-Sindku nformat li x-xogħol għandu jibda' minn Triq San Tumas kantuniera ma' Triq San Publju u mbagħad ikompli għal Triq il-Miratur, Triq Sant'Anna u l-kumplament ta' Triq San Tumas. Hija qalet li hi ma xtaqitx li tinqala' triq sħiħa f'daqqa sabiex ma jkunx hemm kjass u jkun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli.

25.10.3. Is-Sindku żiedet tgħid li jidher li kien hemm kollox preparat biex ix-xogħol ikun jista' jibda' u kien jonqos biss ir-rapport tal-ġeoloġista u l-arkeoloġista.

25.10.4. Is-Sindku qalet li kienet talbet lill-Perit sabiex jieħdu ħsieb il-culverts li hemm fi Triq San Tumas quddiem żewġ ħwienet partikolari li ta' sikwit jilmentaw li fix-xita jidħlilhom l-ilma fil-kantini tagħhom. Hija qalet li l-Perit kien informaha li għandhom jagħmlu survey sabiex jaraw fejn jaqleb l-ilma.

25.10.5. Il-Kunsillier JAE qal li jingħad li fi Triq l-Isqof Mauro Caruana c/w Triq San Tumas kien hemm banju. Is-Sindku qalet li jekk jinstab żgur li l-Kunsill kien ser ikun informat.

## 25.11 KTIEB GĦAT-TFAL TAL-EWWEL SENA

25.11.1. Is-Sindku ipproponiex biex bħalma jsir ta' kull sena, jinxtraw kotba biex jingħataw lit-tfal tal-ewwel sena. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jkellem lis-Surmast sabiex jaraw kemm hemm bżonn jinxtraw.

## 25.12 SLEEPING POLICE

25.12.1. Is-Sindku nformat li kif kienet informat iktar qabel, l-għada kellhom jibdew jitwaħħlu sleeping policemen f'diversi toroq. Il-Kunsill innota dan.

## 25.13 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

25.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Tnejn 9 ta' Novembru fil-5pm.

**Konfermati, illum ____09 ta' Novembru, 2020________________________________**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Kevin Borg |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |